MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1703/1998/1

**Carmel Vassallo**

**vs**

**Antonella Vassallo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom fil-21 ta' Mejju 1994 skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dok. "A".

Illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-istess kuntratt kien vizzjat, kif previst mill-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255,** minhabba simulazzjoni tal-kunsens min-naha tal-

konvenuta, kif ukoll minhabba difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju min-naha tal-partijiet;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

**1.** Tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Mejju 1994, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 666/94 hu null u bla effett, u dan kif previst fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez ghall-kontro-parti konvenuta li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tat-8 ta' Gunju 1999 fejn talab li n-notifika tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh lill-konvenuta ssir wara l-hinijiet legali.

Rat il-verbali tas-16 ta' Gunju 1999 fejn l-attur ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza; tal-14 t'Ottubru 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Lorraine Schembri Orland bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tas-16 ta' Marzu 2000; tad-9 t'Ottubru 2000; tat-12 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001; tal-20 ta' Novembru 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta;

Rat l-verbali tas-seduti tal-15 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tas-16 t'Ottubru 2002; tad-9 ta' Jannar 2003; tat-30 ta' Jannar 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Lorraine Schembri Orland ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament. Dr. Edwina Grima ghall-attur irrimettiet ruhha ghar-rapport; u tal-25 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lill-konvenuta biex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-

parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum l-1 t'Ottubru 2003.

Rat li minkejja li giet debitament notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza (*a tergo* fol. 12 tal-process) il-konvenuta baqghet ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat li l-konvenuta u l-attur ma pprezentaw l-ebda nota tal-osservazzjonijiet fit-termini lilhom rispettivament moghtija minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed *viva voce* quddiem il-Perit Legali. Hu fil-fatt iddikjara li ltaqa' ma' martu meta kellu (18) tmintax-il sena. Hi kienet hames (5) snin akbar minnu. Hadu grazzja ma' xulxin u komplew jiltaqghu. Missieru kien xtara bicca art ghalih u ghal huh u l-attur stqarr li mill-ewwel kellu pjan li jizzewweg, ikollu daru u l-familja u meta bdew johorgu bis-serjeta', kien gja' beda jibni l-*plot* tieghu.

Illi damu gharajjes ghal tliet (3) snin. Hu baqa' bit-tir li jizzewweg u jkollu t-tfal u gharraf lill-konvenuta b'dawn ix-xewqat tieghu. Hu xehed: *"ghalija dan kien l-iskop taz-zwieg. Ma konniex iddiskutejna t-tfal ghax hadtha 'for granted' li kien ser ikollna tfal".*

Illi qabel iz-zwieg, il-konvenuta gja' kellha *hobby* tal-kant u kienet tippartecipa f'serati tal-kant.

Illi skond l-attur: *"xi jumejn qabel it-tieg il-konvenuta qaltli li kienet qed tibza' li tizzewweg izda ma qaltlix x'kienet ir-raguni. Anke waqt it-tieg kienet imdejqa. Meta kont saqsejtha ghaliex kienet qed tibza', qaltli li ma tafx u jien ippruvajt inserrhilha mohhha. Wara li tejjigna u morna d-dar taz-zwieg, marti qaltli li kienet imdejqa u kkonfermajt dak li kont osservajt waqt it-tieg. Jien kont qisni fil-genna u hi qisha fl-infern".*

Illi l-attur kompla jispjega li hu tant kien mehdi fix-xoghlijiet tieghu qabel it-tieg li ma setax jinduna bl-atteggjament tal-konvenuta. Hu kkonferma li martu baqghet bid-dwejjaq wara t-tieg u ghalkemm hadet xi gimghat *leave* kellha seba' mitt sena biex tmur lura ghax-xoghol, *"halli nitlaq 'il barra".*

Illi fuq ix-xoghol ta' martu, wara xi xahrejn qabdet impjieg *part* time ma' *Smash Radio.* L-attur kompla jixhed li bdiet tidhol ghax-xoghol kemm is-Sibt kif ukoll il-gurnata kollha tal-Hadd u dan minkejja ma kellhomx problemi finanzjarji. Bdiet issegwi din il-karriera tant li telqet l-impieg fiss li kellha mal-*Medical Stores* u bdiet tahdem sas-7:30 p.m. kuljum kif ukoll is-Sibt u l-Hadd.

Illi skond l-attur dan ma kienx il-mod kif ried iqatta' hajja mizzewga. Hu xehed li ma kien isib 'il hadd id-dar meta kien jirritorna mix-xoghol. L-affarijiet marru ghall-aghar meta bdiet ukoll tahdem il-*Karaoke* u tibqa' barra sa nofs il-lejl.

Illi hu xtaq jibda jrabbi familja. Martu kienet qed tiehu kontracettivi u kienu ftehmu li tibqa' tehodhom sa sena wara t-tieg. Izda meta mbaghad beda jinsisti maghha biex twaqqafhom hi ma kinetx ittih risposta. *"Xi tliet snin wara kienet qaltli li kull darba li kont naffrontaha b'din il-mistoqsija kienet tkun imbezza' ghax ma rieditx tieqaf ghax ma rieditx tfal".*

Illi spiccat li telqet mis-*Smash Radio* u dahlet mal-*Bay Radio .* Hi kienet taghti aktar importanza lill-karriera taghha u ma turi ebda nteress fid-dar. L-attur spjega li hi dahlet mal-*Bay Radio* xi sena u tmien xhur wara li zzewgu

u minkejja li hu ma xtaqhiex tiehu dan l-impieg peress li kien jinvolvi hafna giri barra mill-ufficcju. Qal ukoll li ma kienet turi ebda nteress li tarma d-dar u kienet tibqa' barra fuq xoghol. Kien minhabba dan l-impieg li l-inwkiet ta' bejniethom ikkarga u wara disa' (9) xhur ohra telqet mid-dar.

Illi l-attur kellu jfendi ghal rasu u spicca jaghmel kollox wahdu d-dar, anke jahslilha hwejjigha. L-ewwel darba li telqet mid-dar, il-konvenuta marret tghix f'appartament f'Bugibba izda rritornat wara xi xahar u nofs. *"Xorta baqghet bl-istess sistema li thallini wahdi minhabba x-xoghol".*

Illi l-attur kompla jixhed li sussegwentement kellha programm taghha fuq il-PBS li kien jokkupaha l-Hadd kollu u *"r-relazzjonijiet bejnietna nqatghu ghal kollox. Ma kontx nezisti ghaliha. Hi baqghet bil-hsieb li tibqa' tahdem minghajr intenzjoni ta' familja".*

Illi l-attur stqarr li sab mara ohra u ammetta mal-konvenuta li ma kienx lest ikompli fl-istess hajja. *"Meta saqsejtha ghaliex ittrattatni b'dak il-mod tul iz-zwieg, kienet qaltli li kienet tibza' twegibni meta kont nistaqsiha biex nahsbu ghat-tfal ghax ma rieditx tfal".*

Illi dwar it-trobbija tal-konvenuta **l-attur** xehed li ommha kienet stretta hafna maghha u ma kenitx tingieb maghha. Spiss kienet tghid *"igri nizzewgu halli nitlaq mid-dar".* Hu qal ukoll li l-konvenuta kienet tahbilha lil ommha ghaliex kienet taf li ommha ma tappruvax l-istil ta' hajja taghha.

Illi **Doris Vassallo,** omm l-attur, xehdet permess ta' affidavit. Din ix-xhud ikkonfermat li meta l-konvenuta bdiet tahdem ma' *Smash Radio* bdiet tittraksura lil zewgha u d-dar tant li ommha u ohtha kienu jaghmlulha l-facendi u x-xhud kienet tiehu hsieb l-ikel u xiri flimkien ma' bintha (oht l-attur). *"Minn dak iz-zmien hi qatt ma azzettat id-dar. Dejjem kienet tigri barra fuq xoghol".*

Illi l-istess xhud ikkonfermat li l-konvenuta kienet tiftah qalbha aktar maghha milli ma' ommha. Skond din ix-xhud

*“quddiemi spiss kienet tghid rigward it-tfal li ghadu z-zmien u kienet dejjem tirrimanda. Fl-ahhar qalet li ma rieditx tfal peress li t-tifel tieghi ma kienx kapaci jrabbi tfal. Nghid li ghal Antonella l-karriera kienet importanti hafna u kienet thobb ix-xoghol aktar minn zewgha. Meta zzewget lit-tifel kienet harbet mis-sikkatura li kellha ma’ ommha peress li ommha kienet dixxiplinata hafna maghha. Lanqas fid-dar ma kellha nteress u qatt ma kienet taghmel xejn biex isebbah id-dar”.*

Illi **l-konvenuta** xehdet in subizzjoni. Hi xehdet li l-attur gja` kien gharus qabel ma ltaqa’ maghha u *“kien hu li staqsa ghall-ewwel biex nibdew nohorgu bis-serjeta’ u accettajt. Kellu kollox ippreparat u hallejt f’idejh. Hu haseb biex ilesti id-dar u jien hadt hsieb il-preparattivi tat-tieg. Konna nghazlu l-affarijiet tad-dar bi qbil”.*

Illi skond il-konvenuta, il-partijiet gew minn ambjenti differenti ta’ edukazzjoni u fuq l-punt ta’ tfal hi xehdet *“qatt ma tkellimna qabel iz-zwieg dwar it-tfal. Charles qatt ma wrieni qabel li xtaq it-tfal. Qisu ma konniex taht ebda ‘commitment’. Hu qatt ma staqsieni car u tond jekk ridtx it-tfal. Kieku staqsieni kont inwiegeb li ahjar nistennew sakemm nissetiljaw. Id-dar kienet ghadha vojta u ma kellniex flus imfaddlin”.* Wara li zzewgu, hi bdiet karriera fix-xandir u stqarret li ma rieditx tfal.

Illi hi stqarret li: *“naf li t-tfal kienu mportanti ghalih u xtaqhom imma jien ma kontx lesta minnhabba l-karriera. Nammetti li ttraskurajtu bhala zewgi minnhabba l-karriera”.*

Illi hi kkonfermat li kellha dwejjaq dwar iz-zwieg taghha mal-attur u bdiet tippanikkja aktar ma joqrob iz-zmien tat-tieg. Fil-fatt hija kompliet tghid li:

*“Kienu jghadduli hafna hsibijiet dwar jekk kontx kapaci nassumi l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga”.*

Illi l-istess konvenuta kompliet tammetti li hija gharrfet lil hbiebha dwar dawn il-hsibijiet izda kienu jghidulha li kien normali. Iddikjarat ukoll li kellha dubji serji dwar il-pass li

kienet ser taghmel (iz-zwieg). Fiz-zwieg *“kont nghidlu li ma kontx inhobbu u kont inhossni mghallqa fiz-zwieg”.*

Illi hi xehdet ukoll li waqt l-gherusija huma kienu jikkomunikaw b’mod superficjali. L-attur kien irid il-hbieb u mill-ewwel bdew jghaddu hajja separata. Anke waqt iz-zwieg, l-attur kien jiehu l-affarijiet bic-cajt u ma kienx irid jiddiskuti l-problemi ta’ bejniethom bis-serjeta’. *“Hu kien jiehu l-affarijiet b’mod legger”.* Kompliet tiddeskrivih bhala *“mohh ir-rih”* tant li *“qatt ma hassejt intimita’ bejnietna ta’ mara u ragel u lanqas waqt l-gherusija”.*

Illi dwar karriera, hi kkonfermat li qabel iz-zwieg kellha delizzju tal-kant u wara z-zwieg irrealizzat kemm kienet importanti ghaliha l-karriera. Aktar ‘il quddiem fix-xhieda taghha hi stqarret li *“kelli pjanijiet u ambizzjonijiet li nkompli fil-karriera tal-kant. Kelli t-triq ippjanata u la xtaqtha xejn ma kien ser izommni biex insegwi l-pjan tieghi. Kieku gietni opportunita’ li nahdem fix-xandir qabel iz-zwieg probabbilment ma kontx nizzewweg”.*

Illi skond il-konvenuta kienu jghixu separatament u meta ndunat li l-attur kellu relazzjoni ma’ mara ohra, hi thassritu u *“spiccajt biex intih pariri qisni ommu rigward ir-relazzjoni li kellu”.*

### (ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi bic-citazzjoni tieghu l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null a bazi tas-segwenti artikoli **tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255) tal-Ligijiet ta’ Malta** u cjoe’:-

**Artikolu 19 (1) (d)**: *“Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha”.*

Illi dan is-sub-artikolu jittratta dwar difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. B’dan il-legislatur ma’ riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat t’immaturita’ li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita` shiha u

perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita` ta’ parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (**“Angela Spiteri nee Selvaggi vs Joseph Spiteri”** P.A. - 4 ta Novembru 1994).

Illi l-istess Qorti f’dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, irriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta’ nullita` fis-sens li:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita’ intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita’ di mente e di liberta’, dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita”* **(*Colagiovanni* – Forum 1990, Vol I pt. 1 pg.72)**.

Illi pero’ kif inghad, b’immaturita’ jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju d-dottrina u gurisprudenza:-

*“non si riferiscono ad una piena e terminale maturita, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio’ che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio’ che puo’ comportare la vita coniugale, ne’ un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne’ infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche’ riesce piu’ appropriato l’uso del termine ‘discrezione di giudizio” che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita’ piena”* **(*Pompedda M.F.* “Il Consenso Matrimoniale”** fil-**“Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova, 1984 p. 46)**.

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta’ ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti

f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdependenti u cjoe':-

*a)* *La piena avvertenza*

b) *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva"… La discrezione di giudizio comprende la maturita` di gudizio e la maturita affettiva ……… la maturita` di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

*"La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e' possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato* (immaturita di gudizio.) **(*Bersini F*, "Il Diritto Canonico Matrimoniale" Torino. 1994 p. 97)**.

Illi skond l-istess awtur, il grad ta' maturita' mitlub *"e ' la maturita' di gudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita . In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"The discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring".* **(*Viladrich P.J.* "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated" (Monteal, 1993) p. 686)**.

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** addottat id-definizzjoni tal-gurista Canonica ***Davino*** w osservat is-segwenti:-

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:-*

*1. When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

*2. When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

*3. Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within"**.** (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklessjastiku ta' Malta tal-11 ta' Mejju* **1990m coram Bajada. *Forum 2(1991) pp 173-174)***.

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li:-

*"Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgement which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake"* **(*Bruno*, 30/5/1986 Monitor ecclesiasticus LXII (1987) 542/543)**.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma

dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, izda jrid ikun difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju tali li jimpedixxi lill-istess persuna milli jifhem u janalizza sew il-kuncett taz-zwieg fit-totalita' tieghu u ovvjament ikun liberu fid-decizjoni tieghu u kapaci li jifhem l-obbligi u d-drittijiet naxxenti mill-istess.

Illi l-attur ukoll jibbaza t-talba tieghu fuq l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u jghid u jallega li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi dan is-sub-artikolu effettivament jipprovdi ghal simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens hu mifhum fis-sens guridiku, bhala l-espressjoni tal-volonta' hielsa u xjenti tal-bniedem. Meta persuna tidhol ghaz-zwieg bil-hsieb maghmul (eskluzjoni pozittiva) fil-mument li jinghata l-kunsens, li jeskludi z-zwieg fih innifsu, jew wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga (inkluz l-elementi bazici ta' fedelta' jew prokreazzjoni ta' l-ulied) jew icahhad lill-parti l-ohra mill-att taz-zwieg, tkun qed tinkorri fin-nullita' ravvizata permezz ta' dan is-sub-inciz tal-**artikolu 19**.

Illi l-eskluzjoni ghandha tkun '*pozittiva'* fis-sens li mhux bizzejjed li wiehed vagament jahseb li possibilment fil-futur jista' jittradixxi l-obbligu tal-fedelta', jew jipposponi l-prokreazzjoni tal-ulied ghal xi data futura. Biex jigi applikat dan l-artikolu, jenhtieg li jkun hemm decizjoni fil-mohh tal-kontrajent li teskludi dak id-dritt jew obbligu.

Illi kif qalet tajjeb il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kaz **"Anna Galea vs John Walsh"** (30 ta' Marzu 1995) *"Trid*

*issir ghalhekk, distinzjoni bejn l-eskluzjoni tad-dritt u l-ezercizzju ta' dak id-dritt. Dan il-kaz kien jittratta dwar l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u tal-att konjugali".* Il-Qorti ddeterminat f'dak il-kaz il-prova li trid issir ghall-fini ta' dan **is-sub-inciz 19(1)(f)** fis-sens li:-

*"Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens basta li l-Qorti tqishom fic-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens cjoe' ghaz-zwieg".*

Illi fil-materja ta' simulazzjoni, il-prova mhix dejjem facli peress li hemm l-element ta' dupplicita'. Il-kunsens f'dan il- kaz, mhuwiex l-espressjoni esterna tal-intenzjoni tal-kontraent.

Illi din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fit-28 ta' Novembru 2002 fil-kawza **"Natasha Satariano v Wayne Satariano"** (Cit. 1533/01 RCP) ukoll kellha okkazjoni li tiddetermina l-principji legali li jirregolaw is-sub-incizi li huma l-mertu tal-kaz odjern u riferenza qed issir ghall-principji hemm ezawrjentament enuncjati f'dik is-sentenza u fis-sentenzi hemm iccitati.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir wkoll referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi kif inghad ukoll fis-sentenza **"Marika Mizzi vs Mario Scicluna"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002) hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm totali kif ukoll parzjali b'riferenza ghall-kunsens matrimonjali. Il-kunsens fil-fatt huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt inkluz u specjalment dak moghti fil-kuntratt taz-zwieg.

Illi wiehed jista' jghid li z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

*"Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta'  in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale".*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni tal-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione  in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'."* (***J.F. Castano'*** **- Il Sacramento del Matrimonio**).

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta` u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione <u>espressa</u> o <u>esplicita</u>, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato <u>implicitamente</u>. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione <u>implicita</u> vale a dire mediante <u>il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* **(*O. Giacchi* – "*Il consenso matrimoniale canonico"*).**

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine"*** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed**

**Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li qabel iz-zwieg il-konvenuta gja' bdiet issegwi karriera artistika fil-kant u jidher li l-istess kienet il-priorita' taghha qabel kull konsiderazzjoni ohra. Fil-fatt jidher car li l-konvenuta kellha qabel l-istess zwieg taghha mal-konvenut gja' dubji serji dwar il-pass li kienet ser tiehu, u dan deher car mill-attitudini u l-komportament taghha kemm qabel l-istess zwieg, kemm waqt l-istess cerimonja u riceviment tat-tieg, u wkoll wara l-istess tieg, fejn jidher li l-istess attrici ghamlet minn kollox sabiex tahrab mis-sitwazzjoni li hija waslet fiha mal-konvenuta, u dan jidher car li sar kontra dak li hija tixtieq.

Illi fil-fatt mir-rakkont tal-attur u tal-konvenuta stess f'din il-kawza lanqas biss jidher car ghaliex hija ghazlet li tizzewweg lill-konvenut, tant li l-konvivenza kollha tal-istess partijiet f'dak li suppost qed jissejjah zwieg kienet biss sensiela twila ta' atti *da parte* tal-konvenuta sabiex tahrab mir-relazzjoni taghha mal-attur, u jidher li infexxet f'dak kollu, inkluz xoghol, mbasta dan kien izzommha okkupata b'mod li ma jkollhiex tiffacja l-hajja taghha mal-istess konvenut.

Illi jidher li l-istess attrici kienet aktar preokuppata bl-ambizzjonijiet taghha barra miz-zwieg, u fil-fatt din l-ambizzjoni taghha kienet ir-raguni fejn id-difetti kollha tal-attrici fil-kunsens taghha nkixfu u fl-ahharnett wasslu ghat-tifrik ta' kwalunkwe relazzjoni li hija kellha mal-attur, f'dan is-suppost zwieg bejn il-kontendenti.

Illi pero' din il-Qorti thoss li l-konvenuta fl-ewwel lok kellha u jidher li ghad ghandha difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, *stante* li ma jidhirx li dan l-istat specjalment mal-attur, kien verament il-mira u x-xewqa

taghha, u jidher li hija zzewget biss w unikament ghaliex kienu saru l-preparamenti mal-attur ghac-cerimonja tal-istess u halliet kollox ghaddej, *nonostante* l-fatt li hija kienet litteralment imwerwra bil-pass li kienet ser tiehu, konoxxenti mill-fatt li hija kienet taf li ma kenitx lanqas biss minimament preparata ghal dak li tfisser il-hajja mizzewga u l-hajja komunali taghha mal-attur; anzi jidher li hija kienet pozittivament opposta ghall-istess unjoni, izda xorta ghaddset rasha u dahlet fl-istess unjoni bla qalb, izda deciza, kif jirrizulta mill-atteggjament taghha kollu matul iz-zwieg, li hija taghmel minn kollox, kif fil-fatt ghamlet sabiex tbieghed lilha nfisha mhux daqstant mid-dar, izda aktar u aktar minn xi holqien ta’ xi *bond* sinifikanti mal-attur.

Illi ghalhekk kienet konvenjenti ghaliha l-karriera li hija sabet u ghazlet fix-xandir, *stante* li hija dahlet, kif jghid il-Malti, b’ruhha u gisimha ghall-istess, b’mod li din intuzat konxjentozament mill-konvenuta sabiex taljena mill-hajja mal-attur li hija qatt ma kienet in verita’ konvinta dwarha, u fl-ahhar mill-ahhar serviet sabiex tokkupalha hinha sabiex tqatta’ l-anqas zmien possibbli mal-attur, tant li dan zammha milli  tibni kull xorta ta’ unjoni ta’ hajja u mhabba li hija wahda mill-ghanijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi dan huwa kkonfermat mill-fatt li sa mill-bidunett tal-istess zwieg il-kontendenti bdew jghixu hajja separata, aktar qishom jghixu biss fl-istess dar bhala nkwilini milli mizzewgin.

Illi dan gie ammess mill-konvenuta stess meta stqarret li:-

*“Kelli t-triq ippjanata u la xtaqtha xejn ma kien ser izommni biex insegwi l-pjan tieghi. Kieku gietni opportunita’ li nahdem fix-xandir qabel iz-zwieg probabbilment ma kontx nizzewweg”.*

Illi lanqas ma kien kontradett minnha li l-ambjent taghha fid-dar kienet ta’ dixxiplina u li l-konvenuta gja’ kellha dubji serji dwar l-impenn taghha fiz-zwieg tant li bdiet tippanikkja ftit jiem qabel id-data tac-cerimonja. Hi stess kienet tiddubita fil-kapacita’ taghha li tidhol ghall-hajja mizzewga.

Illi zgur ma kienx jghin li l-partijiet ma kienux jikkomunikaw ghajr b'mod superficjali waqt l-gherusija. Ma tkellmux fuq aspetti mportanti tal-hajja mizzewga, bhal per ezempju fuq it-tfal u jirrizulta li ghalkemm l-attur xtaqhom, u xtaq familja bl-aktar mod qawwi, il-konvenuta ma tantx kellha hegga li trabbi familja u effettivament il-pjanijiet taghha ghall-karriera holqu ostakolu nsormontabbli sabiex dan isehh. Jirrizulta li ma kellhiex hsieb fuq it-tfal waqt l-gherusija u donna stenniet lill-attur isemmi dan is-suggett hekk importanti. In verita' hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, anke in konsonanza mad-dubji serji li l-istess konvenuta ammettiet li kellha ghall-unjoni taghha mal-attur, li hija effettivament eskludiet il-prokreazzjoni tal-ulied mir-relazzjoni taghha mal-attur, u meta hija sabet *'wens'* fil-karriera taghha wara z-zwieg, kien ghalhekk komdu u logiku ghaliha li tesprimi din l-eskluzjoni tal-ulied fil-berah u twahhal kollox fl-ambizzjonijiet taghha u l-karriera taghha.

Illi hu ammess mill-attur li hu beda relazzjoni extra-maritali izda jirrizulta li dan sehh wara li z-zwieg bejn il-partijiet gja' tkisser. Fil-fatt l-atteggjament tal-konvenuta li kienet sahansitra taghtih wens u pariri kif jikkonduci din ir-relazzjoni tieghu aktar issahhah u tikkonferma l-konkluzjoni li bejn il-partijiet ma kien hemm ebda rabta essenzjali taz-zwieg, u in verita' bil-komportament ammess tal-konvenuta, impossibbli li seta' jkun hemm ghaliex ghamlet minn kollox sabiex litteralment tiddistakka ruhha mill-attur.

Illi mill-assjem tal-provi din il-Qorti jidhrilha li l-partijiet holqu biss bejniethom illuzjoni ta' zwieg u dan dovut unikament ghall-attitudini u n-nuqqas *da parte* tal-konvenuta fl-ghoti tal-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg. Il-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha kif jirrizulta ppruvat mill-komportament taghha ftit qabel iz-zwieg, kif ukoll sa mill-bidunett tal-hajja mizzewga u apparti dan f'dak li huwa l-kunsens taghha dan kien affett ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-hajja mizzewga, tant li l-istess konvenuta fl-istat li kienet qatt ma setghet tikkoncepi l-kuncett innifsu taz-zwieg anke fil-kuntest tal-ghaqda

taghha mal-attur, anzi jidher li addirittura hija lanqas ppruvat tikkoncepih, anzi bezghat li tiffaccjah, u fil-fatt kulma ghamlet fil-hajja taghha mal-attur, kien li tuza kollox, inkluz il-karriera taghha sabiex tahrab minn tali unjoni.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta Mejju 1994 ghandu jigi dikjarat null u bla effett a tenur tal-artiklu **19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Mejju 1994, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 666/94 hu null u bla effett, u dan ghar-ragunijiet indikati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------